

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 14.4.2008
KUMM(2008) 200 finali

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà ta' l-UE

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006¹ jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond tas-Solidarjetà ta' l-Unjoni Ewropea permezz ta' mekkaniżmu ta' flessibilità, fil-limitu massimu annwali ta' EUR 1 biljun, minbarra l-intestaturi rilevanti tal-qafas finanzjarju. Il-kundizzjonijiet ta' l-eliġibilità għall-Fond huma ppreżentati fid-dettall fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002².

Fuq il-bażi ta' l-applikazzjonijiet għall-ghajjnuna mill-Fond mill-Greċja u s-Slovenja li kienu affettwati rispettivament minn nirien fil-foresti f'Awissu 2007 u minn għargħar f'Settembru 2007, l-estimi totali tal-ħsara kkawżata huma kif ġej:

(EUR)

	Ħsarat diretti	Somma totali ta' l-Ghajjnuna proposta
Ħruq ta' foresti fil-Greċja	2 118 273 411	89 769 009
Għargħar fis-Slovenja	233 395 389	8 254 203
Total		98 023 212

Fid-dawl tal-valutazzjoni ta' l-applikazzjoni³, u meta titqies l-għotja massima possibbli mill-Fond flimkien mal-possibilità ta' rjallokazzjoni ta' l-appropriazzjonijiet taħt l-intestatura li tirrikjedi nefqa addizzjonali, il-Kummissjoni tipproponi li timmobilizza l-Fond ta' Solidarjetà ta' l-Unjoni Ewropea għal ammont totali ta' EUR 98 023 212, li għandu jkun allokat taħt l-intestatura 3b tal-qafas finanzjarju.

Il-Kummissjoni se tippreżenta abbozz ta' baġit ta' emenda (PDAB) sabiex jiddaħħlu fil-baġit ta' l-2008 appropriazzjonijiet speċifiċi għall-impenji u għall-ħlasijiet, imqassma skond il-pajjiż li jibbenefika, kif mitlub mill-Punt 26 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006.

¹ ĠU C 139, 14.06.2006, p. 1

² ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3.

³ Il-Komunikazzjoni lill-Kummissjoni SEC(228)428 dwar applikazzjoni għal mobilizzazzjoni tal-Fond tas-Solidarjetà ta' l-Unjoni Ewropea magħmula mill-Greċja fil-każ ħruq ta' foresti f'Awissu 2007 u l-Komunikazzjoni lill-Kummissjoni SEC(2008)277 dwar applikazzjonijiet għal mobilizzazzjoni tal-Fond tas-Solidarjetà ta' l-Unjoni Ewropea magħmula mis-Slovenja fil-każ ta' għargħar f'Settembru 2007 bl-analiżi tal-Kummissjoni dwar it-talbiet.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà ta' l-UE

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina finanzjarja u l-ġestjoni finanzjarja tajba⁴, u b'mod partikulari l-punt 26 tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jstabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà ta' l-Unjoni Ewropea⁵,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,⁶

Billi:

- (1) L-Unjoni Ewropea ħolqot il-Fond ta' Solidarjetà ta' l-Unjoni Ewropea (il-"Fond") sabiex turi solidarjetà mal-popolazzjonijiet ta' reġjuni milquta b'diżastri.
- (2) Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond sal-limitu massimu annwali ta' biljun Euro.
- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 2012/2002 fih id-dispożizzjonijiet li permezz tagħhom il-Fond jista' jiġi mmobilizzat.
- (4) Il-Greċja ressqet applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-Fond, fir-rigward ta' diżastru kkawżat minn ħruq ta' foresti f'Awissu 2007
- (5) Is-Slovenja ressqet applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-Fond, fir-rigward ta' diżastru kkawżat minn għargħar f'Settembru 2007

⁴ ĠU C 139, 14.06.2006, p. 1.

⁵ ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3.

⁶ ĠU C [...], [...], p. [...]

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2008, il-Fond ta' Solidarjetà ta' l-Unjoni Ewropea għandu jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi s-somma ta' EUR 98 023 212 f'approprjazzjonijiet għall-impenji u għall-ħlasijiet.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President